MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 1716/2001/1

**Michelle Catania Cordina**

**v.**

**Emanuel Catania**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li tghid hekk:

"1. Premess illi nhar it-Tlieta, disgha ta' Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed (09.10.2001), l-attrici Michelle Catania ottjeniet l-awtorizzazzjoni mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili ippreseduta mill-Onorevoli Imhallef Dr. Joseph David Camilleri, wara r-rikors li l-attrici stess ipprezentat numru 1777/01 nhar it-tletin ta' Awwissu, tas-sena elfejn u

wiehed (30.08.2001), fejn is-Sekond Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attrici biex tipprocedi bil-kawza ghas-separazzjoni personali ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur taghha.

“2. Premess illi d-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili ordna wkoll li t-tifla Deborah minuri tal-partijiet imsemmija fir-rikors tigi mghoddija fil-kura u l-kustodja t’ommha r-rikorrenti, salv id-dritt ta’ access ghalihom favur l-intimat kif indikat u cioe` kull nhar ta’ Tnejn mis-6.30p.m. sa 8.30p.m., l-Erbgha mis-6.30p.m. sas-7.30p.m., kif ukoll mill-Gimgha fis-6.30p.m. sas-Sibt ta’ wara fis-6.30p.m. It-tifla tingabar u tigi ritornata personalment fir-residenza tar-rikorrenti. Il-minuri m;ghandhiex tigi esposta ghall-prezenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost f’cirkostanzi mhux accettabbli li ma jkunux membri tal-familja.

“3. Premess illi s-Sekond Awla tal-Qorti Civili ordnat lill-intimat Emanuel Catania sabiex *pendente lite* quddiem din il-Qorti u quddiem il-Qorti Civili Prim Awla jhallas lir-rikorrenti bhala manteniment ghall-minuri msemmija s-somma ta’ Lm20 (ghoxrin lira) pagabbli k ull xahar bil-quddiem fir-residenza tar-rikorrenti u dan b’effett mil-lum, ossia t-Tlieta, 9 ta’ Ottubru, tas-sena 2001.

“4. Premess illi s-Sekond Awla tal-Qorti Civili laqghet ir-raba’ talba tal-attrici provizorjarment billi l-Qorti hija sodisfatta li almenu f’incident wiehed intuzat da parti tal-intimat vjolenza fizika fuq ir-rikorrenti fil-prezenza tal-minuri biex b’hekk mhux aktar konsiljabbli li l-kontendenti jibqghu jghixu taht l-istess saqaf, ghalhekk l-intimat qieghed jinghata hmistax (15) il-gurnata biex jallontana ruhu mid-dar konjugali ’Myosotis’, Triq Leli Falzon, Naxxar, biex f’din id-dar tabita sa ma jkun hemm ordni ohra, ir-rikorrenti flimkien mal-minuri.

“5. Premess illi effettivament min-nhar it-Tlieta, tlieta u ghoxrin ta’ Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed (23.10.2001), ezatt skond l-ordni tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, il-konvenut odjern, ossia Emanuel Catania li ghandu n-numru tal-karta tal-identita` 12065(M) allontana ruhu mid-dar konjugali f’’Myosotis’, Triq Leli Falzon, gewwa n-

Naxxar u mar temoranjament jirrisjedi f'"Surfer's Lido", fil-Bajja tal-Mellieha, gewwa l-Mellieha. Illi da parti taghha l-attrici effettivament ukoll u ghas-sigurta` taghha u biex tara li d-Digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili jkun effettivament qeghda tirrisjedi ma' bintha minuri Deborah Catania li ghandha tlett snin u li twieldet nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Jannar, tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (24.01.1998).

"6. Premess illi d-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, li jgib id-data tat-Tlieta, disgha ta' Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed (09.10.2001), qieghed jigi hawn mehmuz u ezebit ma' din ic-citazzjoni odjerna fit-taqsima tal-elenku tad-dokumenti u ndikat bhala dokument MCC1.

"7. Premess illi nhar il-Hadd, sitta ta' April, tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (06.04.1997) fil-knisja ta' Sant Agatha gewwa r-Rabat, Malta, il-kontendenti konjugi dak iz-zmien Emanuel Catania u Michelle Cordina, inghaqdu fis-sagrament taz-zwieg, u dan skond kif jindika l-estratt veru mill-Att taz-Zwieg numru 317/1997, rilaxxat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta l-Belt Valletta, u skond kif hemm indikat fl-elenku tad-dokumenti ma' din ic-citazzjoni odjerna dokument MCC2.

"8. Premss illi nhar is-Sibt, erbhga u ghoxrin ta' Jannar, tal-elf disa' mija tmienja u disghin (24.01.1998), fil-Pieta`, twieldet Deborah, tifla, lill-kontendenti konjugi Catania, u dan skond kif jindika l-estratt veru mir-registrazzjoni numru 468 tas-sena 1998, us kond id-dokument hawn elenkat fl-elenku tad-dokumenti u mmarkat bhala dokument MCC3.

"9. Premess illi l-otteniment tad-digriet numru 1443/2001 nhar it-Tlieta, disgha ta' Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed (09.10.2001), ma sarx b'xi kapricc da parti tal-attrici odjerna imma ghal ragunijiet serji kif l-istess attrici tfisser fid-Dikjarazzjoni Guramentata taghha ma' din ic-citazzjoni odjerna li a skans ta' repetizzjoni f'dan l-istadju semliciment sejra ssir referenza biss ghaliha f'dawn il-premessi.

“10. Premess illi nhar il-wiehed u tletin ta’ Awwissu, tas-sena elf disa’ mija erbgha u disghin (31.08.1994), u cioe` meta l-konjugi kontendenti Catania kienu ghadhom legalment mhux mizzewwgin lil xulxin, il-konvenut wara li nghatalu self mill-Bank of Valletta Limited kien akkwista fond immobbiljari dak iz-zmien minghajr numru kif apparentament ghadu sallum, imma bl-isem ‘Bee Hive’ isem li llum sar ‘Mysotis’ fi Triq Leli Falzon, gewwa n-Naxxar, liema fond immobbiljari fil-kuntest taz-zwieg bejn il-kontendenti konjugi eventwalment sar id-dar konjugali, mil-liema dar konjugali l-istess konvenut b’digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili ta’ jum it-Tlieta, disgha ta’ Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (09.10.2001), gie ordnat biex jallontana ruhu minnu minhabba n-natural vjolenti tal-istess konvenut.

“11. Premess illi ghalhekk hemm ragunijiet legalment fondati biex tigi mhabbra l-firda personali b’sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti Prim Awla Civili li permezz ta’ din is-sentenza jintemm ghall-effetti kollha civili l-obbligu tal-kontendenti konjugi Catania li jghixu flimkien.

“12. Premess illi wkoll l-attrici hija gustifikata fic-cirkostanzi u fid-dawl tad-dikjarazzjoni guramentata taghha mehmuza ma’ din ic-citazzjoni odjerna, li hija titlob il-firda minn ma’ zewgha l-konvenut minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-konvenut kontra l-attrici jew kontra l-minuri Deborah Catania, li fil-mument tal-intavolar ta’ din ic-citazzjoni odjerna ghad ghandha kwazi erba’ snin, u anke ghaliex minhabba li l-hajja ta’ bejn il-kontendenti konjugi flimkien m’ghadiex aktar possibbli billi dan iz-zwieg illum tkisser irremedjabbilment, u dan minghajr pregudizzju ghall-possibbilita` ta’ adulterju da parti tal-konvenut u anke da parti ta’ abbandun mid-dar konjugali.

“13. Premess dan kollu, u wara li l-attrici irriflettit sew fuq il-passi li kellha tiehu fl-interess suprem tal-minuri Deborah u anke tal-hajja personali taghha stess, l-attrici ma kien baqghalha l-ebda alternattiva wara li ottjeniet l-awtorizzazzjoni mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi ghall-firda legali minn ma’ zewgha a bazi ta’

Artikolu 37 tal-Kodici Civili, ghajr illi tintavola din il-kawza odjerna.

“14. Premess dan ukoll, jghid il-konvenut ghala din il-Wisq Onorabbli Qorti m’ghandhiex tirrifletti, tevalwa, taqta’, tiddeciedi u tordna illi:

“**<u>Talbiet</u>**

“(1) ghandha tigi mhabbra l-firda personali permezz ta’ sentenza minn din l-Onorabbli Qorti Civili kompetenti, u b’hekk jintemm ghall-effetti kolllha civili, l-obbligu ta’ bejn il-kontendenti konjugi Catania li jibqghu jghixu flimkien kif effettivament tali sitwazzjoni ilha li sehhet kif irrizulta mill-mori ta’ din il-kawza;

“(2) dan iz-zwieg li sehh nhar is-sitta ta’ April, tal-elf disa’ mija tmienja u sebghin (06.04.1987), skond il-veru estratt tac-certifikat taz-zwieg tal-koppja kontendenti konjugi Catania mehmuxz ma’ din ic-citazzjoni fl-elenku tad-dokumenti u ndikat bhala dokument MCC2, ghandha tigi mhabbra l-firda personali minhabba tortijiet unici tal-istess konvenut Emanuel Catania u dan ghar-ragunijiet li jirrizultaw fil-mori ta’ din il-kawza u mill-provi prodotti;

“(3) dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment minhabba l-adulterju da parti tal-konvenut u minhabba l-eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-istess konvenut kontra l-attrici kif ukoll ulterjorment minhabba li l-hajja flimkien bejniethom ma baqghetx aktar possibbli minhabba li z-zwieg kien tkisser irremedjabbilment;

“(4) id-dar taz-zwieg ossia “Mysotis” Triq Leli Falzon, gewwa n-Naxxar NXR 04, ghandha tigi definittivament assenjata lill-attrici nonostante li mill-kuntratt tal-akkwist taghha tidher li hiaj proprjeta` parafernali tal-konvenut (imma li bhala stat ta’ fatt qatt ma kien il-kaz), u dan ghar-ragunijiet li rrizultaw ampjament lil din il-Qorti fil-mori ta’ din il-kawza u mill-provi prodotti;

“(5) il-konvenut ghandu jivversa manteniment *‘durante vitam’* lill-attrici u lil bint sakemm tkun ghadha minuri jew

sakemm tkun tibqa' tinhtieg l-ghajnuna tal-konvenut ghall-iskopijiet ta' manteniment fis-sens wiesgha tieghu, li jinkludi l-edukazzjoni, l-ilbies, l-ikel u dak kollu li huwa ta' htiega biex persuna tkun tista' tieqaf indipendentement fuq saqajha bhala persuna li tista' tfendi ghal rasha;

"(6) l-istess konvenut *'durante vitam'*ghandu jivversa retta alimentari lil martu l-attrici skond il-mezzi finanzjarji tal-istess konvenut u l-kundizzjonijiet socjali tieghu;

"(7) il-kura u l-kustodja tal-bint minuri Deborah Catania li twieldet nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Jannar, tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (24.01.1998), ghandha tigi fdata esklussivament fl-idejn u fit-tmexxija kapacissima tal-attrici ommha u dan billi l-konvenut diversi drabi wera li ma huwiex bniedem responsabbli biex jiehu l-kura u l-kustodja tal-istess bintu minuri, kif jirrizulta ampjament mid-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici u provi ohra li hija resqet fil-mori ta' din il-kawza;

"(8) il-konvenut Emanuel Catania a bazi ta' Artikolu 48 tal-Kodici Civili ghandu jitlef (a) il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 633(a), 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili – Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll dak kollu li jkun kiseb il-konvenut mill-attrici b'doanzzjoni bi hsieb ta' zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu; kif ukoll kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-datat meta l-parti ghandha tkun ikkunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda.

"(9) il-konvenut ghandu jitlef il-jedd li jgieghel lill-attrici martu, f'kull kaz, li tivversalu l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

"(10) din il-Qorti ghandha tapplika fid-diskrezzjoni taghha l-Artikoli 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili;

"(11) din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika fit-totalita` tieghu jew parti minnu l-effetti tal-Artikolu 54 tal-Kodici Civili ghal dak li huwa obbligu tal-manteniment li jibqa' jkollu l-konvenut fir-rigward tal-attrici u fir-rigward ta' bintu

minuri u dan bit-tifsira u bl-estenzjoni kollha li jaghmel artikolu 54 f'dan ir-rigward;

"(12) ghandu jkun applikat l-Artikolu 55 tal-Kodici Civili fis-sens li tigi xolta l-Komunjoni tal-Akkwisti u ma jkun hemm htiega tal-ebda awtorizzazzjoni f'kull sens, jew xi approvazzjoni da parti tal-attrici ghall-konvenut u vici versa;

"(13) ghandu jkun applikat l-artikolu 55 (a) fir-rigward tad-dar taz-zwieg fin-Naxxar a favur tal-attrici fis-sens li din tibqa' r-residenza ordinarja u permanenti tal-attrici u bintha minuri Debrah Catania, u b'hekk ikun ikkonfermat id-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001, skond id-dokument MCC1 fl-elenkun tad-dokumenti ma' din ic-citazzjoni odjerna;

"(14) ikunu applikati fejn applikabbli fid-diskrezzjoni ta' dinn l-onorabbli Qorti l-effetti tal-Artikoli 56 u 56 tal-Kodici Civili fir-rigward tal-hsieb tal-ulied wara l-firda u l-jedd tal-missier u tal-omm li jaraw li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li hu manteniment tat-tfal;

"(15) minkejja d-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra, kull wahda mill-persuni mizzewwgin permezz ta' din is-sentenza ta' separazzjoni titlef il-jedd ta' successjoni ghan-naha l-ohra, fis-sens li l-attrici ma tiret xejn minghand il-konvenut ma hu sejjer jiret xejn minghand l-attrici u fl-eventwalita` ta' xi testment li seta' jkun sar kemm ilhom mizzewwgin il-kontendenti konjugi Catania dan ghandu jigi meqjus bhala li gie annullat u revokat, u tibqa' fid-ddiskrezzjoni ta' kull wahda mill-kontendenti konjugi Catania li jirregolaw il-gid taghhom wara mewthom bil-mod skond il-ligijiet ta' Malta;

"(16) ghandhom ikunu applikati l-effetti tal-Artikolu 62 tal-Kodici Civili – Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn l-attrici l-mara, tixtieq li tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia CORDINA, u li CATANIA l-kunjom li hija hadet minghand il-konvenut ghandu jithassar ghal kull finijiet legali u fattwali b'mod illi jigi registrat mill-awtoritajiet kompetenti nkluz ir-Registru Pubbliku illi l-attrici b'effett mid-data tas-

sentenza ta' din il-Qorti Civili tkun maghrufha b'identita` gdida ossia Michelle Cordina u qatt izjed Michelle Catania, u tali tibdil ghandu jkun rifless fid-dokumenti ufficjali kollha tal-attrici u fl-atti kollha tal-hajja Civili u kummercjali taghha;

"(17) stante li l-attrici ma kellhiex tort fit-tifrik irrimedjabbli ta' dan iz-zwieg minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni, l-ispejjez kollha konnessi ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati u l-konvenut ikkundannat ihallashom.

"(18) il-konvenut ghandu jigi kkundannat ukoll jivversa kwalsiasi somma ta' manteniment billi hu jista' jkollu jaghti lill-attrici ghaliha personalment u ghal bintha minuri Deborah Catania l-arretrati u kontijiet u spejjez ohra li setghu kienu dovuti f'mument meta kien l-obbligu tal-konvenut li jaghmel tajjeb ghalihom huwa;

"(19) ghandhom jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fid-dawl tat-talbiet attrici kif hawn fuq suesposti f'din ic-citazzjoni odjerna;

"(20) fl-eventwalita` tal-kontumacja tal-konvenut Emanuel Catania, fin-nuqqas li dan jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet jew jonqos li jidher *purche*` jkun notifikat, li l-Qorti ghandha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut Emanuel Catania;

Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji, inkluz daek l-atti kollha li direttament jew indirettament l-attrici kienet kostretta li tintavola biex tissalvagwardja l-interessi legali u fattwali taghha u ta' bintha minuri Deborah Catania, liema spejjez ghandhom ikunu u jmorru kontra l-konvenut Emanuel Catania li minn issa jibqa' ngunt INSUBIZZJONI biex jidher quddiem din il-Qorti jew inkella jbati l-penalitajiet kontemplati fil-Ligi ghan-nuqqas ta' dahra quddiem din il-Qorti, inkluz dik ta' disprezz kontra l-Qorti.

B'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attrici a kwalsiasi forma ta' danni diretti jew indiretti li l-konvenut seta' jikkaguna, qieghed jikkaguna jew forsi ghad

jikkaguna lill-istess attrici Michelle Catania f'isimha proprju u ghan-nom ta' bintha minuri Deborah Catania.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:
"1. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni bejnu u bejn martu stante li z-zwieg tal-konjugi tfarrak irrimedjabbilment;

"2. Illi mhux minnu li l-esponenti rrenda ruhu hati ta' dak li qieghda tallega l-attrici, fosthom adulterju, abbandun, eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi.

"3. Illi l-htija tat-tifrik taz-zwieg tal-konjugi Catania hija mputabbli lill-attrici senjatament minhabba adulterju tal-attrici ma' persuna ta' nazzjonalita` Taljana.

"4. Illi l-esponenti jopponi li d-dar matrimonjali, li hija proprjeta` parafernali tal-esponenti, ghandha tigi assenjata definittivament lill-attrici u dan peress li l-attrici m'ghandhiex tigi ppremjata talli farrket zwieg minhabba l-kapricci taghha u ghal ragunijiet ohra li ser jissemmghu waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"5. Illi l-esponenti jopponi li huwa ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici xi forma ta' manteniment stante li fost affarijiet ohra l-attrici hija tilfet tali dritt meta kkommettiet adulterju, kif ukoll ghandha mpjieg full-time filwaqt li l-esponenti fil-prezent m'ghandux impjieg fiss, u ghal ragunijiet ohra li ser jissemmghu waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"6. Illi l-esponenti jopponi li l-kura u kustodja tal-minuri Deborah Catania ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici minhabba r-ragunijiet gia` msemmija u ghar-ragunijiet ohra li ser jissemmghu waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"7. Illi in vista tal-fatt li l-esponenti m'huwiex hati tal-firda bejn il-kontendenti, huwa m'ghandux jitlef il-jeddijiet imsemmija fl-artikoli 631, 633, 633 (A), 825, 826 u 827 (Kap. 16), kif ukoll m'ghandux jitlef id-dritt fuq dak li kiseb b'donazzjoni mill-attrici, jew id-dritt tieghu fuq nofs il-

komunjoni tal-akkwisti, u jopponi li ghandhom jigu applikati kontra l-esponenti l-Artikoli 51, 52, u 53 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta (Kap 16).

"8. Illi l-esponenti jopponi wkoll li huwa ghandu jitlef il-jedd ghall-manteniment minghand l-attrici u dan a bazi tal-Artikolu 54 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

"9. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, izda hu jopponi illi l-attrici tinghata xi parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti minhabba r-ragunijiet gja msemmija u ghar-ragunijiet ohra li ser jissemmghu fil-kontro talba tal-konvenut ipprezentata kontestwalment.

"10. Illi l-esponenti jopponi wkoll ghat-talba tal-attirci biex tinghatha d-dritt li tibqa' tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-esponenti, u dan peress li din hija proprjeta` parafernali tal-esponenti, kif ukoll peress li m'hemm l-ebda raguni valida l-ghala l-esponenti ghadu jigi mcahhad mit-tgawdija tal-proprjeta` tieghu, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

"11. Illi l-esponenti m'ghandu l-ebda oggezzjoni li din l-Onorabbli Qorti tezercita d-diskrezzjoni lilha moghtija mil-Ligi sabiex tipprovdi dwar l-interess suprem tal-minuri Deborah Catania. Kif ukoll m'ghandux oggezzjoni li l-kontendenti ma jibqghux jirtu lil xulxin wara s-separazzjoni u dan skond il-Ligi.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz."

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra hekk:
"Illi il-konjugi Catania zzewwgu fis-6 ta' April, 1997, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla, Deborah li ghandha kwazi erba' snin.

"Illi l-esponenti jahdem *part-time*, filwaqt li l-attrici tahdem bi qliegh ferm gholi mill-impjieg fiss li ghandha.

"Illi l-attrici rrendiet ruhha hatja versu l-konvenut ta' adulterju, abbandun, sevizzi, minacci, mohqrija, insulti u

ngurji gravi b'mod illi kissret iz-zwieg taghha mal-konvenut;

"Tghid ghalhekk l-attrici ghar-ragunijiet premessi din l-Onor. Qorti m'ghandhiex:

"1. tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Catania stante li z-zwieg tfarrak irremedjabbilment ghal liema tifrik tahti unikament l-istess attrici senjatament minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, minacci, mohqrija u ngurji gravi li l-istess attrici kkommettiet fil-konfront tal-konvenut zewgha;

"2. tordna li l-kura u l-Kustodja tal-minuri Deborah tigi fdata f'idejn il-konvenut missierha;

"3. tordna li l-attrici tigi kkundannata thallas lill-konvenut ghalih u ghall-minuri Deborah dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament li ghandhom jigu ffissata minn din il-Qorti;

"4. tordna c-cessjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Catania u tiddeciedi illi l-attrici m'ghandha ebda dritt fuq l-istess akkwisti, u tordna li jigi nominat nutar sabiex jircievi l-atti relattivi u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

"5. tiddikjara li l-attrici m'ghandha l-ebda drittijiet fuq il-fond li jgib l-isem "Myosotis", Triq Leli Falzon, Naxxar, proprjeta` parafernali tal-konvenut u tordna li hija tizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju stabbilit mill-Qorti;

"6. tikkundanna lill-attrici tikkonsenja lill-konvenut il-beni parafernali u dotali tieghu;

"7. tiddikjara lill-attrici dekaduta mid-drittijiet taghha kif procdut f'artikoli relattivi tal-Kodici Civili (Kap. 16) tal-Ligijiet ta' Malta.

”Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri istitwiti quddiem is-Sekond Awla kontra l-attrici li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut li in forza taghha eccepiet is-segwenti:
”1. Illi l-eccepjenti attrici tirreferi ghar-rikors taghha ta’ nhar l-Erbgha, 29 ta’ Settembru, 2004, u partikolarment ghat-talbiet hemm kontenuti. Illi l-eccepjenti tirreferi ghad-digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti ta’ nhar il-Gimgha, 1 ta’ Ottubru, 2004, moghti mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi, LL.D., fejn il-Qorti laqghet it-talbiet attrici u akkordat lir-rikorrenti ghoxrin gurnata zmien biex tipprezenta NOTA fejn taghti ruhha b’notifikata biex tipprezenta NOTA tal-eccezzjonijiet.

”2. Illi in adempjenza tad-Digriet citat, l-eccepjenti qed teccepixxi s-segwenti eccezzjonijiet:-

”3. Illi l-eccepjenti tirreferi ghan-NOTA RESTRUTTURATTIVA taghha tat-13 ta’ Awwissu, 2004, fejn l-ghoxrin (20) talba attrici originali (a fol. 5 sa a fol. 11 tal-process) gew restrutturizzati fit-tmien (8) talbiet in adempjenza tad-direttivi ta’ Din l-Onorabbli Qorti, kif ippreseduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond PACE.

”4. Illi f’dan il-kuntest sejrin isiru l-eccezzjonijiet tal-attrici ghas-sebgha (7) kontro-talbiet tal-konvenut (a fol. 58 tal-process).

”5. Illi fir-rigward tal-ewwel kontro-talba, l-attrici tirreferi ghall-ewwel talba taghha fin-Nota Restrutturattiva tat-13 ta’ Awwissu, 2004.

“6. Illi fir-rigward tat-tieni kontro-talba, l-attrici tirreferi ghat-tielet talba taghha fin-Nota Restrutturattiva tat-13 ta’ Awwissu, 2004.

“7. Illi fir-rigward tat-tielet kontro-talba, l-attrici tirreferi ghar-raba’ talba taghha fin-Nota Restrutturattiva tat-13 ta’ Awissu, 2004.

“8. Illi fir-rigward tar-raba’ kontro-talba, l-attrici tirreferi ghas-sitt talba taghha fin-Nota Restrutturattiva tat-13 ta’ Awwissu, 2004.

“9. Illi fir-rigward tal-hames kontro-talba, l attrici tirreferi ghat-tieni talba taghha fin-Nota Restrutturattiva tat-13 ta’ Awwissu, 2004.

“10. Illi fir-rigward tas-sitt kontro-talba, l attrici tirreferi ghall-hames u s-sitt talbiet taghha fin-Nota Restruttattiva tat-13 ta’ Awwissu, 2004.

“11. Illi fir-rigward tas-seba’ kontro-talba, l attrici tirreferi ghall-hames u s-seba’ talbiet taghha fin-Nota Restruttattiva tat-13 ta’ Awwissu, 2004.

“12. Illi l-eccipjenti tirreferi wkoll ghat-tmien talba taghha fin-Nota Restruttattiva tat-13 ta’ Awwissu, 2004.

“13. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri jekk ikun il-kaz.”

Rat in-nota tal-attrici tat-13 ta’ Awwissu, 2004 li permezz taghha rristrutturat it-talbiet taghha fis-sens li gej:
“1. Illi issa li l-attrici ikkonkludiet il-provi taghha u l-konvenut baqaghlu biss zewg seduti ohra kif iddekretati mill-Qorti nhar it-Tlieta, 8 ta’ Gunju, 2004, b’referenza ghad-Digiret tat-28 ta’ Gunju, 2004, fejn dina l-Onorabbli Qorti indikat id-dati tat-2 u l-10 ta’ Novembru, 2004, biex il-konvenut iressaq il-provi li fadallu.

“2. Illi f’din is-sitwazzjoni l-attrici sejra tirrusturizza l-iskeda tal-ghoxrin (20) talba taghha billi tikkoncizhom u tirrudicihom. Illi hija sejra wkoll debitament tinnotifika b’dawn il-konvenut u l-Assistent Gudizjarju qabel is-seduti ordnati mill-Qorti biex jekk ikun il-kaz dawn jirregolaw ruhhom skond il-ligi u d-direttivi tal-Qorti.

“3. (14) PREMESS dan ukoll, jghid il-konvenut ghala din il-Wisq Onorabbli Qorti m’ghandhiex tirrifletti, tevalwa, taqta’, tiddeciedi u tordna illi:

"(1) Ghandha tigi ddikjarata il-firda personali bejn il-konjugi kontendenti b'tort unikament tal-konvenut skond il-ligi regwardanti z-zwieg kif indikat f'anness dokument MCC2, partikolarment a bazi ta' Artikoli 38 u 40 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"(2) Id-dar konjugali 'Myosotis', no 46, Triq Leli Falzon, Naxxar – NXR 04, ghandha tigi definittivament assenjata lill-attrici u dana anke fid-dawl li l-konvenut tkecca b'Ordni tal-Qorti effettiva minn 9 ta' Ottubru, 2001, millliema data l-konvenut qatt ma rifes aktar fid-dar konjugali: ara Dokument MCC 1.

"(3) Il-kura u kustodja tal-bint minuri Deborah ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici u fejn il-konvenut ghandu jigi ordnat jivversa retta alimentari lill-minuri, li tkopri l-htigijiet edukattivi kollha, spejjez medikali u spejjez straordinarji li ma jkunx kopert fil-manteniment ordnat mill-Qorti.

"(4) Il-konvenut ghandu jivversa retta alimentari lill-attrici a bazi ta' dak li l-istess attrici ilha tisborza ghal bintha, kif ukoll ghall-attrici personali skond il-mezzi finanzjarji tieghu u l-kundizzjonijiet socjali tal-istess attrici.

"(5) L-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati f'intier taghhom, kontra l-konvenut, kif ukoll l-effetti tal-Artikoli 51, 52, 53, 54, 55, 55°, 56 u 57 tal-Kodici Civiili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"(6) Fix-xoljiment tal-Kommunjoni tal-Akkwisti, ghandha tittiehed in konsiderazzjoni li l-attrici m'ghandha l-ebda proprjeta` immobiljari fejn tista' tmur tirresjedi ghajr ghad-dar konjugali, u lill-attrici ghandhom jigu assenjati dawk il-mobbli u mobilja li jappartjenu lilha.

"(7) Ghandhom ikunu applikati favur l-attrici l-effetti kollha tal-Artikolu 62 tal-Kodici Civili rigwardanti is-Successjoni u r-reversjoni ghal kunjom xbubitha fejn l-attrici formalment terga' tiehu kunjom xbubitha, 'CORDINA', u li tali bidla f'identita` tal-attrici ghandha tigi

irregistrata mill-awtoritajiet kompetenti fid-dokument kollha li jkunu relevanti ghall-gharfien ufficjali tal-istatus gdid tal-attrici.

“(8) L-ispejjez kollha konnessi ma’ dawn il-proceduri, gudizzjarji u extra gudizjarji ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut, kif ghandu jhallas kwalsiasi ammont ta’ arretrati ta’ manteniment u spejjez ohra dovuti lill-attrici de proprio et nomine.

“4. Illi b’hekk l-attrici irriduciet l-ghoxrin (20) talba taghha ghal tmien (8) talbiet, eliminazzjoni tat-tnax (12) -il talba.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-25 ta’ Frar, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
“ ... ... ...tiddeciedi dwar it-talba tal-attrici billi tilqa’ l-istess <u>limitatament</u> kif ser jinghad:

“[1] tordna s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda tort imputabbli unikament lill-attrici;

“[2] tafda lill-attrici bil-kura u kustodja tal-minuri, bl-access favur il-konvenut – kollox fit-termini u bil-mod fuq stabbilit taht is-sezzjoni ‘Kura u Kustodja’;

“[3] tordna li l-konvenut jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ bintu u jaghmel tajjeb ghall-arretrati – kollox bil-mod kif fuq stabbilit u ordnat taht is-sezzjoni “Manteniment”;

“[4] tichad it-talba ghall-hlas ta’ manteniment lill-attrici, u tapplika fil-konfront tal-istess attrici l-artikolu 48[1] tal-Kap.16 fl-intier tieghu;

”[5] tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, u li din tigi likwidata, u assenjata lill-partijiet kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni tal-Akkwisti”

”[6] tichad it-talba tal-attrici sabiex din tibqa’ tirrisjedi fid-dar konjugali – ‘Myosotis’ Triq Leli Falzon, Naxxar – ad eskluzzjoni ta’ zewgha; u inoltre, permezz tal-gudizzju odjern, tordna li, fi zmien tlett xhur, l-attrici tivvaka l-imsemmi fond favur il-konvenut proprjetarju tal-istess;

“[7] tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe` Cordina.

“L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk quddiem l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili, jkunu kollha a kariku tal-attrici.

Tiddeciedi dwar il-kontro talba tal-konvenut, billi tilqa’ l-istess kif ser jinghad:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens fuq deciz;

“[2] tichad it-tieni talba;

“[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens fuq deciz;

”[4] tilqa’ ir-raba’ talba;

“[5] tilqa’ il-hames talba fis-sens fuq deciz fis-sezzjoni ‘Komunjoni tal-Akkwisti’;

“[6] tilqa’ is-sitt talba fis-sens fuq deciz;

”L-ispejjez tal-kontro talba ghandu jithallsu kollha mill-attrici.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet

“**L-Azzjoni u l-Kontro talba**

“Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut minhabba li z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut skond l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali. Minn naha tieghu l-konvenut qed jattribwixxi l-htija tas-separazzjoni ghar-ragunijiet imputabbli lil martu l-attrici skond l-istess artikoli fuq citati.

"**Separazzjoni Personali**

"Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-6 ta' April 1997, u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla Ffl-24 ta' Jannar 1998. F'Ottubru tas-sena 2001 il-partijiet isseparaw *de facto* u permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2001, il-konvenut gie ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali minhabba episodju wiehed ta' vjolenza.

"*Verzjoni tal-attrici*

"Illi in sostanza, l-attrici tilmenta li fiz-zwieg taghhom ma kienx hemm komunikazzjoni bejn il-partijiet, tort tal-komportament tal-konvenut, dettat mill-egojizmu tieghu, kif ukoll mill-karattru dominanti tieghu fis-sens li dejjem ried li jsir dak li jrid hu ghax inkella jkun aggressiv billi "jkisser u jsawwat ghal kull haga ta' xejn."[1] Barra minnhekk huwa ma kien juri affezzjoni fil-konfront tal-martu l-attrici, anzi kien jghajjarha u joffendiha u jghajjat maghha. Il-konvenut kien ta' spiss jabbuza mill-alkohol, u f'dawn l-okkazzjonijiet kien jinfexx f'komportament abuzziv fil-konfront taghha. Tghid li l-konvenut kien mohhu biex jghajjarha u joffendiha u jkellhimha oxxen. L-attrici tirrakkonta fid-dettal incident li sehh bejn il-5 u s-6 ta' Ottubru 2001 fejn, apparti milli kien ghajjar lil martu "qahba, li kellha aktar minn ragel wiehed"[2] huwa kien hebb ghaliha u kien ikkagunalha griehi ta' natura hafifa bir-rizultat li hu kien giet ordnat mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili sabiex jallontana ruhu mid-dar konjugali *pendente lite*.

L-attrici ssemmi fost l-ilmenti principali taghha dak li l-konvenut, zewgha, kien jittraskura lilha u lit-tifla, u kien

[1] Fol.152
[2] Vol.2 – fol.153

jiffoka hafna fuq ix-xoghol tieghu. Huwa ma kienx jippartecipa fir-responsabbilita` tal-facendi tad-dar li kienu jaqghu kollha fuq spallejn l-attrici li meta tigi minn gurnata xoghol fis-6.30 pm kienet iddum sal-10.00pm. ghaddejja bil-facendi, filwaqt li l-konvenut kien jidhol id-dar fl-10.00 pm.

“Hija tispjega li l-konvenut kien jiehu decizjonijiet finanzjarji li kienu jaffettwaw lill-partijiet bhala familja, minghajr ma jikkonsulta maghha u jidhol ghal dejn, u minn spiza ghal ohra, bir-rizultat li l-oneru finanzjarju tal-familja kien jaqa’ kollu fuq l-attrici li kienet taghmel tajjeb bil-paga taghha. Tghid li l-konvenut ma kienx jahsibhom fejn jidhlu l-flus, u kien jixtri ghalih hwejjeg tad-ditta u jaghmel spejjez bla bzonn meta kellhom id-djun xi jhallsu. Inoltre, il-konvenut, minghajr konsultazzjoni ma’ martu, kien telaq mix-xoghol fiss li kellu mal-Caritas biex beda jaghmel xoghol iehor li kien jinvolvi nfiq ta’ flus. Dan l-atteggjament tieghu kien jaffettwa l-istandard of living tal-familja. L-attrici tghid li tant ma kienux iservuha l-flus li wara sena u tlett xhur mit-twelid tat-tarbija hija kellha terga’ tohrog tahdem biex tghin lill-familja taghha.

“Hija tirrakkonta kif fis-sajf tas-sena 2001 meta l-konvenut kien qed jiggestixxi l-lido gol-Mellieha flimkien ma’ ohtu, huwa kien kera appartament fil-Mellieha u kien ghamel it-tlett xhur tas-sajf, cioe` Gunju, Lulju u Settembru jghix ’il boghod minn ma’ martu u bintu, jghix fih minghajr ma jersaq lejn id-dar konjugali, filwaqt li l-attrici kienet okkazzjonalment titla’ biex tkun vicin ta’ zewgha. Takkuza lill-konvenut li f’dan il-flat kien jghix mal-habiba tieghu. Tghid li hu ma kienx jimpurtah minnha, u meta kienet tavvicinah b’tentattiv biex tiddjaloga mieghu kien jghidilha “li ahna m’ahniex tajbin ghal ma’ xulixin u ahjar nisseparaw.”

“*Verzjoni tal-Konvenut*

“Illi l-konvenut jaqbel li kien hemm nuqqas ta’ komunikazzjoni bejn il-partijiet fiz-zwieg, izda jghid li dan kien dovut ghall-fatt li l-attrici ma kinitx kapaci tiddjaloga u kienet tghajjat u twerzaq minflok titkellem, partikolarment

meta kienet tqila bit-tifla. Kienet persuna difficli li tghix maghha, u kienet dominanti, taghmel ix-xenati jekk ma tghaddix taghha.

“Huwa jghid li kienet taghmel ta’ rasha u kienet teskludih mid-decizjonijiet; u jsemmi li, nonostante l-pozizzjoni finanzjarja taghhom xejn felici, hija kienet ghamlet ta’ rasha u  xtrat airconditioner, spindryer u ordnat kamra tas-sodda; u anke dwar l-ghazla tal-iskola tat-tifla, l-attrici qabbdet u dahhlet it-tifla go skola privata fiz-zmien meta kien dizokkupat. Minn naha tieghu huwa kien  jinformaha b’dak kollu li kien jaghmel, u jghid li dak li kien jaghmel hu, kien jaghmlu ghal gid tal-familja.  Jghid li martu kienet taf bil-flat tal-Mellieha u inizjalment kienet kuntent bih, izda eventwalment kienet iddejqet hemm. Kienet taf li kien ser jikri l-farm, kif ukoll li kien ser jixtri l-vann, kif ukoll li kien ser isiefer biex jara l-Grand Prix.

“Huwa jichad li kien qatt refa’ idejh fuq martu, u, filwaqt li jaghti spjegazzjoni tal-incident li sehh f’Ottubru 2001 li fih martu sofriet griehi, josserva li apparti dan l-incident ma hemm ebda rapport iehor tal-pulizija f’dan is-sens.

“Huwa jghid li martu kienet ghamlet zmien tagixxi mhux normali, u ghalhekk beda jissuspetta li kellha xi relazzjoni ma’ persuna ohra; liema suspett eventwalment irrizulta fondat meta l-konvenut skopra li kellha relazzjoni ma’ persuna ta’ nazzjonalita’ Taljana, u jsemmi li f’Dicembru 2001 huwa kien skopra li hi kienet halliet it-tifla ma’ habiba taghha biex tmur Sqallija.

“Il-konvenut jghid li hu kien jaghddilha Lm180 fix-xahar ghall-hajja, izda hi ma kinitx taf tiggestixxi l-flus, u li ghaliha l-flus qatt ma kienu bizzejjed.  Jghid li hi kienet harget tahdem minn jeddha, u mhux ghax ma kienx jaghtiha flus bizzejjed.  Hija kienet tispicca bla flus gha ma kinitx kapaci timmanigja l-flus, izda tberbaq kull ma jkollha.

“Jghid li fir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom kemm-il darba mbuttatu biex ma jersaqx lejha. Jakkuza lill-attrici li

kellha "diversi partners"[3] li jsemmi b'isimhom, u li dahlu gewwa d-dar konjugali fil-presenza ta' binthom.

"Illi z-zewg partijiet jichdu l-akkuzi ta' adulterji maghmula fil-konfront ta' xulxin.

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi relattivi u hija tal-fehema li m'ghandhiex tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali f'dan ir-rigward.

"Huwa minnu li z-zewg partijiet, sostnuti mix-xhieda ta' membri tal-familja taghhom, jattribwixxu nuqqasijiet lil xulxin; izda l-Qorti thoss li l-verzjoni moghtija mill-konvenut hija aktar verosimili fic-cirkostanzi, anke tenut kont tal-fatt li l-attrici ma ddejjqet xejn tigdeb biex tipprova tahrab minn hbiberja specjali li hi kellha ma' ragel 'IA' ftit wara s-separazzjoni de facto.

"Illi l-istampa li temergi minn din il-parti tal-provi hi li, nonostante l-oppozizzjoni qawwija li kellha l-attrici minn naha tal-genituri taghha, meta bidet tohrog mal-konvenut, hija xorta wahda ghamlet ta' rasha u kompliet bir-relazzjoni mieghu u zzewgitu. Jidher pero` l-konvivenza matrimonjali mal-konvenut bidet iddejjaqha, ghax hasset li l-konvenut, allura zewgha, kien jiffoka fuq ix-xoghol bir-rizultat li skond hi kien jitraskuraha, u jhalli l-oneru tal-facendi tad-dar kollu fuqha. Tilmenta wkoll mill-fatt li l-konvenut kien biddel ix-xoghol tieghu minghajr ma kkonsultaha.

"Mill-band' l-ohra jirrizulta provat li l-konvenut kien bniedem li jmid rasu ghax-xoghol u kien jirsisti sabiex isib xoghol ahjar milli kellu, tant li kien dahal f'gestjoni ta' negozju ta' lido fil-Mellieha flimkien ma' ohtu. Fix-xhieda tieghu Joseph Gatt, koordinatur tal-Caritas, jghid hekk: "Huwa [il-konvenut] Programme Facilitator…. Qatt ma kellna complaints dwar[u]. Qatt ma keccejnieh bhal ma ghamilna nies ohra. Huwa telaq ghax ghazel li jitlaq

[3] Vol.1 fol.101

hu……Huwa bniedem responsabbli, u jista' jigi c-centru meta jrid."[4]

"Ghalkemm l-attrici takkuza lill-konvenut bhala persuna dominanti u jaghmel l-affarijiet minghajr ma jikkonsulta maghha, il-provi juru l-kuntrarju. Huwa kien jgharraf lill-attrici b'dak li kien ser jaghmel, u sahansitra kienet anke ffirmat d-dokumenti relattivi ghal-lido tal-Mellieha, kienet anke kuntenta, inizjalment, bil-flat tal-Mellieha, izda sussegwentement bidlet fehmitha dwaru. Il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li l-attrici kienet persuna sottomessa, anzi jirrizulta li kienet kapaci twebbes rasha biex tghaddi taghha, kif ghaddiet taghha rigward ir-relazzjoni li qabdet mal-konvenut qabel iz-zwieg, kif ghaddiet taghha bl-affarijiet li kienet tixtri, u kif ghaddiet taghha bl-ghazla tal-iskola tat-tifla; u l-Qorti hija propensa li taccetta bhala veritiera l-affirmazzjoni tal-konvenut li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni fiz-zwieg minhabba l-attitudini negattiva da parti tal-attrici.

"Huwa minnu li l-attrici kienet imdejqa bil-hajja konjugali, izda dana m'ghandux necessarjament iwassal ghal xi nuqqas serju da parti tal-konjugi l-iehor, nuqqas li jifforma bazi legali ghas-separazzjoni personali. Wara kollox difetti ghandu kulhadd, u li jekk persuna tizzewweg b'immagini ta' stampa partikolari ghaliha, u sussegwentement dik l-istampa ma tavverax ruhha bir-rizultat li tkun imdejqa fil-hajja konjugali, dan m'ghandux necessarjament jitfa' l-htija fuq il-parti l-ohra. Dan qed jigi osservat, ghax meta l-Qoti ezaminat il-provi, hija propensa li taccetta bhala veritiera l-verzjoni tal-konvenut kif sostnuta mill-membri tal-familja tieghu, u ma tarax nuqqas da parti tal-konvenut li jidhol fit-termini tal-artikolu 40; ghax ghandu jirrizulta car u manifest li mhux kull nuqqas fiz-zwieg ta' parti ta' konjugi, anke jekk ikun sors ta' litigju bejn iz-zewg konjugi, jekwivali ghal "eccessi, sevizzi u mohqrija" fit-termini tal-artikolu precitat, izda jehtieg li jkun nuqqas, azzjoni jew ommissjoni, abitwali u ripetut, li jirrendi l-konvivenza nsapportabbli.

[4] Vol.3 – fols.524

"Illi mill-provi jirrizulta li l-hajja konjugali bejn il-partijiet spiccat meta l-konvenut rrekordja telefonati li martu kienet ghamlet lil persuna ta' nazzjonalita` Taljana, li kienet zvelat konverzazzjonijiet b'kontenut amoruz bejniethom. Sussegwentement avvera l-incident li sehh f'Ottubru 2001 bir-rizultat li l-konvenut spicca barra mid-dar konjugali.

"Illi mill-provi jirrizulta li sussegwentement, wara s-separazzjoni *de facto*, l-attrici qabdet hbiberija ma' ragel iehor, fuq indikat bhala 'IA' u, ghalkemm fix-xhieda[5] taghha, b'tentattiv li tahbi din ir-relazzjoni, tghid li hi ma kinitx iltaqghet mal-familja ta' 'IA', omm l-istess IA fix-xhieda taghha tikkonferma li binha kien gab lill-attrici d-dar taghha "xi darbtejn, tlieta …. Kien hemm okkazzjoni fl-anniversarju tat-tieg tieghi, li [ibni] gab lill-attrici mieghu. F'dawn iz-zewg okkazzjonijiet kien ma' [l-attrici] wahdu."[6] L-istess 'IA', guvni ta' 36 circa, fix-xhieda[7] tieghu jghid li ma' l-attrici "Gieli hrigna fi klikka u gieli wahedna. Ir-relazzjoni taghna dejjem zammejniha bhala hbiberija….Konna nohorgu forsi xi darba fil-gimgha…xi darba jew darbtejn sellifthielha l-karrozza lil A…. Ili hafna issa ma nohrog wahdi ma' A madwar sena." Inoltre, ix-xhieda ta' Mary Vella[8] tkompli tikkonferma din il-relazzjoni, allegatament, platonika bejn l-attrici u dan 'IA'.

"Illi rigward l-allegazzjoni ta' vjolenza u aggressjoni li l-attrici tghid li sofriet da parti tal-konvenut tul il-konvivenza konjugali, il-Qorti tosserva li mill-provi rrizulta ncident wiehed biss li sehh, wara li l-konvenut skopra t-telefonati li din kellha ma' persuna Taljana; u certament dan l-incident izolat, meta l-hajja konjugali kienet manifestament spiccat bejniethom, u fic-cirkostanzi li sehh, ma jidholx fit-terminu ta' sevizzi fit-termini tal-artikolu 40. Minn imkien ma' rrizulta, ghajr ghall-allegazzjoni attrici, li fil-hajja konjugali l-attrici kienet vittma ta' incidenti abitwali u ripetuti li rrendew il-hajja konjugali nsapportabbli ghaliha. Ma sar ebda rapport lill-pulizija f'dan is-sens, liema fatt jikkuntrasta mad-diversi rapporti li kienet ghamlet

---

[5] Vol.3 - Dep.6.04.2004 –fol.459
[6] Vol.4 – Dep.20.01.2005 – fol.972-973
[7] Ibid. fols.977 *et seq.*
[8] Vol.4 fol.1010

sussegwentement ghas-separazzjoni *de facto*, dwar l-access tal-minuri.

“Illi minn naha tal-konvenut ma jirrizultawx provati l-addebiti maghmula mill-attrici fil-konfront tieghu; ma rrizultax provat l-adulterju, u lanqas xi wiehed mill-fatti indikati fl-Artikolu 40; kif lanqas manifestament ma jirrizulta l-abbandun!

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament minhabba l-hbiberiji specjali li l-attrici kellha ma’ terzi persuni, li ghalkemm ma jlahhqux ghall-prova sodisfacenti tal-adulterju, zgur li jikkwalifikaw bhala ngurja gravi fit-termini tal-artikolu 40, stante tali li rrendew il-konvivenza konjugali bejniethom impossibbli. Inoltre, din l-ingurja gravi ghandha tattira maghha d-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48 tal-Kap.16.

*Dar Matrimonjali – 46 Myosotis, Triq Leli Falzon, Naxxar*

“Illi mhux kontestat li dan il-fond huwa proprjeta` parafernali tal-konvenut. Il-kwistjoni timpernja dwar jekk l-attrici ghandhiex tigi awtorizzata b’applikazzjoni tal-artikolu 55A tibqa’ tghix mat-tifla minuri fid-dar konjugali ad eskluzzjoni tal-konvenut.

“F’dan ir-rigward il-perit legali kkonkludiet li l-attrici ghandha tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali ad eskuzzjoni ta’ zewgha, sakemm it-tifla taghlaq 16-il sena, u dan biex it-tifla ma tbatix intortament. Din il-Qorti ma tikkondividix din il-konkluzjoni tal-perit legali, stante li tinjora, jew ahjar ma tatix l-piz misthoqq, lil fatt li d-dar hija proprjeta` parafernali tal-konvenut li, allura, hlief f’cirkostanzi estremi u fejn il-logika tiddetta mod iehor, m’ghandux jigi privat mill-proprjeta` tieghu; *multo magis* fil-kaz in disamina, meta rrizulta li l-attrici wettqet ingurja gravi fil-konfront tieghu bir-relazzjoni extra matrimonjali taghha ma’ ‘IA’; u dan apparti mill-fatt li l-attrici tahdem u ghandha kwalifiki bizzejjed biex issib xoghol b’introjtu tajjeb.

"Ferm il-premess, il-Qorti tordna li l-attrici tivvaka l-fond fuq imsemmi fi zmien tlett xhur, u tikkonsenja c-cwievet lill-konvenut proprjetarju tal-istess.

"**Manteniment**

"Illi in propozitu l-Qorti taqbel parzjalment mal-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali. Taqbel li z-zewg partijiet jahdmu u li t-tnejn ghandhom jikkontribwixxu ghall-manteniment ta' binthom; u li l-*quantum* stabbilit li ghandu jhallas il-konvenut ghandu jinkludi fih l-ispejjez relatati ma' l-edukazzjoni, u spejjez ta' natura ordinarja relatati mas-sahha tal-minuri; u dan tenut kont tal-pika esagerata ezistenti bejn il-partijiet li baqghet timmanifesta ruhha tul il-process kollu.

"Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi relattivi kollha, u hi tal-fehema li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici is-somma ta' €327 kull erba' gimghat bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tat-tifla, li jinkludi fih l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni tat-tifla [inkluzi, mizati, trasport, stationery u kotba, attivitajiet skolastici kurrikulari u extra kurrikulari u lezzjonijiet tal-ballet; izda eskluzi spejjez ta' giti skolastici barra minn Malta li ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet], u l-ispejjez ta' natura ordinarja relatati mas-sahha taghha. L-ispejjez ta' natura straordinarja ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet; u ghalhekk tordna li l-konvenut jhallas dan l-ammont lill-attrici kull erba' gimghat.

"Illi rigward it-talba ghall-hlas tal-manteniment u spejjez, arretrati, il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-rapport taghha fil-pagni 20 sa 21 li qed jigu hawn annessi biex jifformaw parti ntegrali mill-gudjizzju odjern [Appendici E][9]; salv ghal dak li ser jinghad aktar l-isfel; u konformament tordna li l-konvenut jaghmel il-hlasijiet hemm indikati lill-attrici.

[9] Vol.7 – fols.1868 - 1869

"Illi rifferibbilment ghall-paragrafu taht il-partita [a] li jirrigwarda l-ispejjez indikati fid-dokumenti[10] NCC1 sa NCC 28, il-Qorti wara li ezaminat ir-ricevuti relattivi tikkonkludi li dawn jammontaw komplessivament ghas-somma ta' €2,504.78 [ekwivalenti ghal Lm1,075.30] u l-ispejjez indikati fid-dokumenti minn NCC29 sa NCC37 jammontaw ghas-somma komplessiva ta' €922.73 [ekwivalenti ghal Lm396.13]; ghalhekk il-konvenut, apparti mill-ispejjez l-ohra kontenuti fil-dokumenti ndikati fil-partiti sussegwenti, qed jigi ordnat li jhallas lill-attrici nofs is-somma ta' €3427.51 [ekwivalenti ghal Lm1,471.43] u cioe` elf, sebgha mija u tlettax Ewro u sebgha u sebghin ewro centezmi (€1713.77) ekwivalenti ghal sebgha mija u hamsa u tletin Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu [LM735.72].

"Jigi osservat a skans ta' ekwivoku li, il-fatt li l-konjugi kreditur ikun naqas milli jottempera ruhhu ma' ordni tal-Qorti li tesigi notifika ta' digriet lill-kontro parti, ma jezonera lill-konjugi debitur mill-obbligu sostantiv impost fuqu, *multo magis* meta dan l-obbligu jkun jikkonsisti fi hlas ta' manteniment ghall-minuri.

Inoltre, riferribbilment ghall-ispejjez tal-iskola St.Catherine's, il-Qorti tirrileva li, anke jekk f'dak iz-zmien jirrizulta li l-konvenut kien dizokkupat, huwa kien fid-dmir, jekk ried li jigi ezonerat milli jhallas dawn l-ispejjez, li jinvoka lil din il-qorti u jottjeni digriet specikatament f'dan is-sens; izda ma jistax validament jinjora digriet vigenti, ghax skond hu ma kellux ihallas dawk l-ispejjez.

"**Kura u Kustodja**

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tordna li fl-interess tal-minuri, li llum ghandha hdax [11]-il sena, il-kura u kustodja taghha ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici, b'access favor il-missier kif ser jinghad;  izda decizjonijiet importanti rigwardanti l-edukazzjoni, religjon u s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu mill-partijiet konguntivament.  Inoltre, il-missier qed jigi awtorizzat li jottjeni direttament mill-awtoritajiet

[10] Vol.6 – fols.1433 *et seq.*

kompetenti, inkluzi dawk tal-iskola, l-informazzjoni kollha dwar bintu minuri.

“Il-misser ikollu s-segwenti access:

“Matul is-sena skolastika: kull nhar ta’ Erbgha mis-6.00 pm sas 8.00 pm; u kull weekend, b’mod alternat, mill-Gimgha 5.00 pm sas-Sibt 8.00 pm, u mis-Sibt 4.00pm sal-Hadd 7.30 pm.

“Matul il-vaganzi: kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Erbgha, mid-9.00am sas-7.00 pm [u sat-8.30pm fil-vaganzi tas-sajf], oltre l-access fil-weekend kif fuq stabbilit li pero` ghandu jestendi sat.8.30 pm

“Fil-gurnata tal-Milied u fl-Ewwel tas-Sena, b’mod alternat, mid-9.00am sat-3.30 pm, u mit-3.30pm sat-8.00pm. Fil-gurnata tal-Ghid, fl-istess hinijiet li jalternaw kull sena.

“F’Jum l-Omm u Jum il-Missier, l-access fil-weekend ghandu jigi aggustat b’mod li fil-gurnata tal-Hadd il-minuri jkun mal-genitur koncernat.

“Illi meta l-konvenut jkun barra minn Malta, huwa ghandu jinforma b’dan lill-attrici permezz ta’ ittra registrata, u ghandu jkollu access telefoniku darba kuljum bejn is-6.00pm u 8.00pm; u l-attrici hi obbligata li tipprovdi lit-tifla l-facilitajiet necessarji sabiex dan l-access ikun jista’ jsir.

“Illi matul l-access tieghu, il-missier ghandu jonera l-impenji tal-minuri u jehodha ghall-attivitajiet taghha, jekk dawn jinzertaw fil-hin tal-access tieghu, u dan sabiex ir-rutina u l-hajja tal-minuri kemm jista’ jkun ma tigix disturbata; alternattivament ghandu jitlob li jsir aggustament fid-data tal-access.

“Huwa l-obbligu tal-missier li ghall-access jigbor il-minuri u jirritornaha fid-dar residenzjali taghha.

“**Komunjoni tal-Akkwisti**

“*Mobbli*

“Il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fil-pagni 24 u 25 tar-rapport, li qed jigu hawn annessi biex jifformaw parti ntegrali mill-gudizzju odjern [Appendici F][11]; u li l-mobbli u effetti mobbli hemm indikati ghandhom jigu assenjati kif stabbilit mill-perit legali.

“Izda jigi ccarat li l-partita [2] ghandu jibqa’ ghandu l-konvenut minghajr ebda rifuzjoni lill-attrici. Inoltre, kif korrettament sollevat mill-konvenut, l-partita [44] ghandha valur ta’ Lm185, u mhux Lm1,185.

“Hadd mill-partijiet m’ghandu jesponi lill-minuri meta tkun fil-kura tieghu, ghall-prezenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost.

“*Vetturi*

“Illi l-Qorti taqbel mal-perit legali fis-sens li z-zewg partijiet izommu l-vetturi li kellhom fil-pussess taghhom meta l-konvenut kien kostrett jallontana ruhu mid-dar konjugali, u dan minghajr ebda ekwiparazzjoni; izda rigward il-van Toyota Halifa, il-konvenut qed jigi ordnat li jhallas lill-attrici ekwiparazzjoni, fissata minn din il-Qorti *arbitrio bono viri*, fl-ammont ta’ €932.

“*Ghodda fil-garage*

“Illi mill-provi ma jirrizultax sodisfacentement provat li din l-ghodda, li tinsab fil-garage ta’ missier il-konvenut, hija fil-fatt tal-konvenut.

“*Dejn – Lido tal-Mellieha*

“Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut li dan in-negozju sar bi ftehim taz-zewg partijiet fiz-zwieg, u ghalhekk, l-introjtu tieghu kif ukoll il-passiv tieghu huma assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk id-dejn ghadu ezistenti llum mal-Bank of Valletta fuq dan in-negozju, u li

[11] Vol.3 – fol.599 sa 602

jghajjat lill-partijiet jew lill-konvenut, huwa dejn tal-komunjoni u ghandu jigi diviz wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

“Inoltre, l-attrici [hekk kif irriklamat b’success l-ispejjez li kienet hallset hi waheda ghall-edukazzjoni tat-tifla] ghandha thallas ukoll lill-konvenut nofs l-ammonti li hu hallas akkont ta’ dan id-dejn wara d-data tas-separazzjoni *de facto*; u ghalhekk qed tigi ordnata thallas dawn l-ammonti wkoll.

“*Globe Investment Fund*

“Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ €699 sehemha mir-rikavat tal-bejgh ta’ dan l-investment.

“*Life Insurance [British American]*

“Illi din il-polza, kemm-il-darba ghadha tezisti, ghandha ddur fuq it-tifla tal-partijiet.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici, minnha pprezentat fis-17 ta’ Marzu 2009, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:
“1. tiddikjara, li fir-rigward tar-responsabbilita` ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, din ghandha tkun minhabba vjolenza u eccessi attribwibbli lill-konvenut (paragrafu 1 tad-decide);

“2. tordna, fir-rigward ta’ paragrafu 3 tas-sentenza appellata, sabiex is-somma ta’ tliet mija u sebgha u ghoxrin kull erba’ gimghat manteniment ghall-minuri, tigi awmentata u dan biex tirrifletti l-paga reali tal-konvenut konvenut u sabiex sehem il-konvenut mill-arretrati dovuti lill-appellanti jkunu jirriflettu l-ammont reali u cioe` EUR2,970.70 (LM1,275.31);

“3. tiddikjara, fir-rigward ghall-paragrafu 5 ‘Komunjoni tal-Akkwisti’, illi d-dejn tal-Lido tal-Mellieha jigi sopportat unikament mill-konvenut;

"4. tordna li l-appellanti tirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri Deborah ad eskluzjoni tar-ragel (para 6) jew jekk alternattivament tordna lill-konvenut jikkontribwixxi ghall-ispejjez li l-appellanti jkollha taghmel sabiex tikri post alternattiv;

"5. tiddikjara u tordna, li fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza, dawn ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

U dana wara li tirrevoka, thassar u tannulla dawk il-partijiet tal-istess sentenza li taghhom qeghda tintalab ir-riforma kif fuq inghad u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament taghha.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell ipprezentat mill-attrici bl-ispejjez kontra l-istess attrici, u li s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata in toto;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkusidrat:

Illi din hi kawza ta' separazzjoni personali bejn il-konjugi Catania li zzewwgu fis-6 ta' April, 1997. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda fl-24 ta' Jannar, 1998. Il-partijiet isseparaw *de facto* fis-sajf tal-2001, u nfethu dawn il-proceduri ghall-pronunzjament ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghall-provvediment dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, u ghat-terminazzjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Wara li l-partijiet ressqu l-provi (voluminuzi) taghhom, l-ewwel Qorti ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet tort tal-attrici (minhabba adulterju), ordnat li t-tifla minuri tibqa' taht il-kura u l-kustodja tal-omm, u iffissat l-access ghall-missier, ordnat lill-missier ihallas is-somma ta' €327 kull erba' gimghat bhala l-kontribuzzjoni tieghu ghall-

manteniment ta’ bintu, ordnat li d-dar matrimonjali, parafernali tal-konvenut, tinghata lura lilu fi zmien tlett xhur, u tterminat u llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti, fejn fost affarijiet ohra, ordnat lill-attrici thallas nofs id-dejn li garrab in-negozju li kellu l-konvenut f’Lido l-Mellieha.

L-attrici appellat minn din is-sentenza u talbet li s-sentenza tal-ewwel Qorti tigi riformata f’erba’ punti, u cioe`, (i) li hi ma tigix addebitata bir-responsabbilita` kollha tas-separazzjoni; (ii) li tithalla tibqa’ tirresjedi fid-dar matrimonjali flimkien ma’ bintha sakemm din taghlaq is-16-il sena; (iii) li jizdied il-manteniment mill-konvenut ghat-tifla; u (iv) li hi tigi ezentata milli tikkontribwixxi ghad-dejn tan-negozju tal-Mellieha.

Trattat l-ewwel aggravju din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi. Fil-fatt jidher li sakemm il-konvenut wasal biex ikollu prova cara dwar l-adulterju ta’ martu f’Awwissu tal-2001, l-affarijiet fiz-zwieg kienu gia` mexjin hazin, forsi anke bi ftit tort tal-konvenut, izda l-problemi ma kienux insormontabbli. Il-konvenut jidher li kien imrobbi bil-mentalita` l-antika li xoghlu fil-familja kien biss li jahdem kemm jiflah biex lill-familja ma jhalliha nieqsa minn xejn, pero` ma kienx jinduna li kien qed ihalliha nieqsa minn element importanti, u cioe`, il-prezenza u l-kontribuzzjoni tieghu. L-impressjoni li hadet din il-Qorti hi li l-konvenut kien mitluf fuq ix-xoghol u kien jippartecipa ftit li xejn fir-responsabbilitajiet tad-dar u l-familja. Dan seta’ sehh ghax l-attrici hija mara ta’ rasha, trid li jsir kollox kif tiddeciedi hi u kienet tinsisti li tmexxi kollox hi, anke b’certu rabja. Mhux car mill-provi jekk dawn l-attitudnijiet kienux isegwu wahda mill-ohra, u liema atteggjament kien sehh l-ewwel, cioe`, jekk l-attrici bdietx tiehu d-decizjonijiet hi wahedha ghax zewgha kien mitluf fuq xoghlu, jew jekk ir-ragel intefax b’ruhu u gismu fuq ix-xoghol meta ra li martu kienet qed teskludih mid-decizjonijiet li jolqtu l-familja. Li hu zgur hu li bejn il-partijiet kien hemm nuqqas ta’ komunikazzjoni u t-tnejn hadu attitudni li jimxu ghar-rashom, wiehed li jintefa’ fuq ix-xoghol, u l-ohra li tmexxi u tiddeciedi hi.

Sa hawn, iz-zwieg, forsi, seta' gie salvat kieku l-partijiet kienu disposti, anke bl-assistenza ta' medjatur, li jirrikonoxxu l-problema u jbiddlu ftit l-atteggjament taghhom lejn xulxin u lejn il-familja li holqu. Gara, pero`, li l-attrici, forsi ghax idejqet "wahedha" fil-familja, flok ma rat x'taghmel biex tirranga s-sitwazzjoni, jew ipprocediet ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali minhabba inkompatibbilita`, qabdet relazzjoni ma' ragel iehor ta' nazzjonalita` Taljana. Bdew kuntatti diretti ma' din il-persuna, inkluz konverzazzjonijiet telefonici fejn hi stqarret l-imhabba taghha lejh. Il-konvenut beda' jkollu suspetti li l-mara kienet qed taqlibhielu, u darba rrekordja konverzazzjoni fuq it-telefon li minnha hareg car li martu kienet tiffrekwenta lil din il-persuna l-ohra. Dan kien f'Awwissu tal-2001, u wara li l-konvenut ikkonfronta lill-attrici b'din il-prova li kellu, il-partijiet bdew proceduri ghas-separazzjoni.

Wara dan, ir-relazzjonijet ta' bejn il-koppja intemmu ghal kollox. Inqala' incident fejn il-partijiet spiccaw jinsulentaw u jghajru lil xulxin bil-goff, bir-rizultat li l-konvenut anke refa' jdejh fuq martu u gie mkecci mid-dar matrimonjali. Wara dan l-episodju, l-attrici halliet lit-tifla lejl ma' barranija (habiba taghha) sakemm marret sal-Italja, probbabbilment biex tiltaqa' mal-"habib" taghha. Ma jidhirx li din ir-relazzjoni twalet, ghax eventwalment l-attrici bdiet relazzjoni ma' ragel iehor Malti.

Mill-premess jidher li, fil-waqt li z-zwieg bejn il-partijiet ghamel zmien twil "on the rocks", kif ighidu l-Inglizi, dan tkisser irremedjabbilment bl-agir tal-attrici li fittxet il-kumpanija ta' rgiel ohra.

L-attrici tallega li zewgha kien dejjem vjolenti maghha, pero`, hlief ghal dak l-incident wiehed imsemmi aktar qabel (li jidher li kien rizultat ta' agir provokatorju da parti tal-attrici), ma gietx provata din il-vjolenza. Hu rilevanti li l-ewwel Qorti, preokkupata b'din l-allegazzjoni ta' vjolenza domestika mir-ragel versu martu, kienet talbet lill-agenzija Appogg tidhol f'din il-kwistjoni, pero` jirrizulta li ghalkemm din tat <u>erba'</u> appuntamenti lill-attrici biex tmur l-agenzija u

tispjega ezatt x'gara, l-attrici m'attendiet ghall-ebda wiehed minn dawn l-appuntamenti.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, it-tort ghat-tkissir irrimedjabbli ghandu jigi akkollat kompletament fuq l-attrici, u ma tarax li ghandha taghmel xi varjazzjonijiet fil-konsegwenzi li nisslet l-ewwel Qorti minn din il-konkluzjoni.

Trattat issa t-tieni aggravju, din il-Qorti tara li l-parti leza m'ghandhiex tigi mcahhda ghal aktar zmien milli tgawdi l-proprjeta` taghha.  Hu accettat li d-dar matrimonjali hi parafernali tal-konvenut, izda l-attrici tghid li hi ghandha tithalla tibqa' tghix fid-dar flimkien ma' bintha, fl-interess tal-istess tifla.  In sostenn ta' dan, l-attrici pprezentat rapport ta' *clinical psychologist* li jghid li jekk it-tifla titlaq mid-dar, "she might lose the sense of stability, tranquility and safety that she has managed to develop so far".  Din il-Qorti, pero`, ma tarax li, fil-konfront ta' tifla ta' hdax (11)-il sena, caqlieq ta' residenza jista' jkun ta' detriment ghaliha aktar milli l-antogonizmu li l-genituri qed juru lejn xulxin qed iggib.  Mhux l-ewwel darba li familji, anke bi tfal zghar, ibiddlu r-residenza taghhom tul iz-zmien, u dak li hu importanti mhux li l-minuri tibqa' fejn hi, izda li l-genituri jiehdu hsieb li juruwha li l-bidla fir-residenza ma hi xejn specjali.  Il-hsara psikologika fuq it-tifla mhux se ssehh b'rizultat tac-caqlieq tar-residenza *ut sic*, izda jekk l-omm, li ghandha l-kura u l-kustodja taghha, tghawwiha li c-caqlieq qed isir tort ta' missierha li ma hux qed jaghti kaz l-interessi taghha.  Din il-hsara fuq it-tifla tista' tevitaha l-attrici bl-atteggjament li tiehu fir-rigward, u kwindi ma tarax li ghandha tbiddel xi haga minn dak li pprovdiet l-ewwel Qorti, anke mehud in konsiderazzjoni l-fatt li, qabel ma tat is-sentenza, l-ewwel Qorti tkellment wahedha mat-tifla, u allura zgur li qieset l-interess taghha.

Ghar-rigward tat-talba fiz-zieda tal-manteniment ghat-tifla li ghandu jhallas ir-ragel, din il-Qorti wara li ezaminat il-provi prodotti fir-rigward, u meta tqis id-dhul varjat tal-konvenut u l-ispejjez dejjem jikbru tal-minuri, tara li r-rata ffissata mill-ewwel Qorti hi ftit "on the low side", ghax tfisser li t-tifla tista' tghaddi, maghduda flimkien il-

kontribuzzjonijiet taz-zewg partijiet, b'€654 (jew Lm280.76) kull erba' gimghat. It-tifla qeghda fi stadju ta' zvilupp u bdiet l-edukazzjoni sekondarja u, ghalhekk, tara li *rebus sic stantibus*, il-konvenut ghandu, mid-data ta' din is-sentenza, jibda jhallas €400 kull erba' gimghat (flok €327) bhala l-kontribuzzjoni tieghu ghall-manteniment tat-tifla, u jibqghu invarjati l-modalitajiet l-ohra kollha kif ipprovdiet l-ewwel Qorti.

Dwar ir-raba' aggravju tal-attrici, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti hadet hsieb li tohloq bilanc fil-likwidazzjoni tal-attiv u l-passiv tal-partijiet, u jekk tbiddel xi partita tista' tkun din il-Qorti li tohloq zbilanc bi pregudizzju ta' xi parti fil-kawza. Ovvjament, kieku l-ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata f'xi attribuzzjoni, din il-Qorti kienet tipprovdi r-rimedju opportun, pero`, fuq il-kaz tal-ilment tal-attrici, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti mxiet hazin, anke jekk tqis li n-negozju tal-Mellieha sar bi qbil bejn il-partijiet, u l-attrici kienet ben konxja ta' kif kien sejjer in-negozju. Ghad-dejn li jsir sat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, hi responsabbli l-istess komunjoni, u la din qed tigi issa terminata u likwidata, id-dejn ghandu jigi sopportat mill-kompartecipanti f'ishma ndaqs kif stabbiliet l-ewwel Qorti. Din il-Qorti, ghalhekk, tara li m'ghandhiex tiddisturba l-iskema ta' qasma li addottat l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attrici, billi tilqghu biss in parte, fis-sens li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha hlief li tordna li b'effett mil-lum, il-manteniment li ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici, flok li jkun €327 kull erba' gimghat kif ordnat mill-ewwel Qorti, ikun ta' €400 kull erba' gimghat, u dan fit-termini ta' dak li ddecidiet fir-rigward l-ewwel Qorti; it-terminu ta' tlett xhur impost mill-ewwel Qorti fuq l-attrici biex tivvaka mill-fond matrimonjali, jibda jidekkorri mil-lum.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk relatati ma' din it-tieni istanza jithallsu kwantu ghal erba' partijiet minn hamsa ($^4/_5$) mill-attrici appellanti, u kwinta ($^1/_5$) parti mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------